

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-14 ta' April 2014****li tikkonċerna l-estensjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika**

(2014/240/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 flimkien mal-punt (v) tal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 98/591/KE ⁽¹⁾, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika ("il-Ftehim").
- (2) L-Artikolu 12(b) tal-Ftehim jistipula li l-Ftehim huwa konkluż għal perjodu inizjali ta' ħames snin u li jista' jiġi estiż, b'emendi possibbli, wara dan għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin bi ftehim komuni bil-miktub bejn il-Partijiet.
- (3) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/306/KE ⁽²⁾, il-Ftehim ġie estiż għal perjodu ieħor ta' ħames snin.
- (4) Il-Partijiet għall-Ftehim jikkunsidraw li l-estensjoni rapida tal-Ftehim tkun fl-interess reċiproku tagħhom.
- (5) Il-kontenut tal-Ftehim estiż għandu jkun identiku għall-kontenut tal-Ftehim li jiskadi fl-14 ta' Ottubru 2013.
- (6) L-estensjoni tal-Ftehim għandha għalhekk tkun approvata fisem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-estensjoni, għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin, tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika hija b'dan approvata fisem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika lill-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa sabiex jiġi estiż il-Ftehim taħt il-punt (b) tal-Artikolu 12 tal-Ftehim.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 98/591/KE tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-konklużjoni ta' ftehim għall-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 284, 22.10.1998, p. 35; Ħaġġa Speċjali bil-Malti: Kap 11, Vol 29, p. 280).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/306/KE tat-30 ta' Marzu 2009 dwar l-estensjoni u l-modifikazzjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 90, 2.4.2009, p. 20).

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħmel in-notifika li ġejja:

“Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwixxiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita kull dritt u tassumi kull obbligu tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, kull referenza għall-'Komunità Ewropea' fit-test tal-Ftehim għandha tinqara, fejn ikun il-każ, bħala referenza għall-'Unjoni Ewropea'.”.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' April 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

A. TSAFTARIS
